Fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili

Fl-atti tal-Mandat ta' Sekwestru numru 1295/2019 maħruġ fl-ismijiet:

ABC Bank plc (C12345)

vs

Mary Attard K.I. numru 766554M

Nota preżentata mill-kumpannija ABC Bank plc ai termini ta' l-Artikolu 838B(2)(a) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, wara s-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili datata 15 ta' Jannar 2020 fl-ismijiet fuq premessi (Rik. Ġur. numru 1125/2019 AF - Imħallef Anna Felice) u li issa għaddiet in ġudikat (ara Dok. 'A'). Permezz ta' din in-nota l-imsemmija kumpannija qeghdha titlob li l-effetti tal-mandat jiġu estiżi kif ġej:

1. kwantu sorte għandha tiġi sekwestrata s-somma ta' sittax-il elf, mija u sitta u erbgħin Euro u ħdax -il ċenteżmu (€16,146.11). Bank charges u fees ulterjuri riservati; u

2. imgħaxijiet riservati; u

kwantu spejjeż, għandhom jiġu sekwestrati elf, disa' mija, erbgħa u tmenin Euro u sebgħa u għoxrin ċenteżmu (€1,984.27), li jinkludu elf, tmien mija u tmien Euro u wieħed u erbgħin ċenteżmu (€1,808.41) fi spejjeż legali skond it-Taxxa Uffiċjali tal-Qorti (ara Dok. 'B') u mija u ħamsa u sebgħin Euro u sitta u tmenin ċenteżmu (€175.86) f'Taxxa fuq il-Valur Miżjud fuq id-dritt tal-avukat u l-prokuratur legali u kopji. Spejjeż ulterjuri riservati.

In vista tas-suespost, it-total fi flus li ghandu jigi sekwestrat hu ta' tmintax -il elf, mija u tletin Euro u tmienja u tletin ċenteżmu (€18,130.38).

| | |
|---|---|
| Avv. Jonathan Abela Fiorentino<br>Mamo TCV Advocates,<br>136, Casa Preziosi,<br>Triq San Kristofru, Valletta | P.L. Silvana Vella |

Notifiki:

Sekwestrata: Mary Attard, 103 Strait Street, Valletta.

Sekwestratarji:

1. Bank of Valletta plc, 173, Triq San Kristofru, Valletta.
2. HSBC Bank Malta plc, 116, Triq l-Arċisqof, Valletta.
3. Lombard Bank Malta plc, 67, Triq ir-Repubblika, Valletta.
4. APS Bank Limited, 27, Pjazza Sant'Anna, Furjana.
5. MeDirect Bank (Malta) plc, 10, St. Barbara's Bastion, Valletta.
6. Transport Malta, Triq Pantar, Lija.
7. Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali, Il-Qorti, Triq ir-Repubblika, Valletta.
8. Accountant General, it-Teżor, Furjana.